

## Dispożittiv

Is-sempliċi fatt li xogħol protett, liberament disponibbli fuq sit tal-Internet, jiġi inserit fuq sit tal-Internet ieħor permezz ta' link li juża t-teknika tal-“framing”, bħal dik użata fil-kawża prinċipali, ma jistax jiġi kkwalifikat bħala “komunikazzjoni lill-pubbliku”, fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropeu u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni, peress li x-xogħol inkwistjoni ma huwa la trażmess lil pubbliku ġdid u lanqas ikkomunikat skont metodu tekniku speċifiku, differenti minn dak tal-komunikazzjoni oriġinali.

(<sup>1</sup>) ĠU C 325, 09.11.2013.

## Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-22 ta' Ottubru 2014 – Repsol YPF SA vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

(Kawża C-466/13 P) (<sup>1</sup>)

(Appell — Trade mark Komunitarja — Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 8(1)(b) — Raġuni relativa għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Sinjal figurattiv li jirrapreżenta l-ittra “R”)

(2015/C 016/15)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

### Partijiet

Rikorrenti: Repsol YPF SA (rappreżentanti: J.-B. Devaureix u L. Montoya Terán, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġġent)

## Dispożittiv

1) L-appell huwa miċħud.

2) Repsol YPF SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 313, 26.10.2013.

## Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-21 ta' Ottubru 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal do Trabalho de Lisboa – il-Portugall) – Sindicato Nacional dos Profissionais de Seguros e Afins vs Via Directa – Companhia de Seguros SA

(Kawża C-665/13) (<sup>1</sup>)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 53(2) tar-Regolament tal-Proċedura — Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Prinċipji ta' ugwaljanza u ta' nondiskriminazzjoni — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi tnaqqis fir-remunerazzjoni għal ċerti ħaddiema tas-settar pubbliku — Assenza ta' implementazzjoni tad-dritt tal-Unjoni — Nuqqas manifest ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja)

(2015/C 016/16)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

### Qorti tar-rinviju

Tribunal do Trabalho de Lisboa